# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 77/2022/2**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Najah Agheez**

Illum 24 ta' Ġunju 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] miġjuba kontra l-appellant **Najah Agheez**, detentur tan-Numru tar-Refcom 28492, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar it-18 ta' Frar 2022 f'xi ħin bejn l-10:30hrs u l-11:00hrs fi Pjazza San Pawl, ġewwa Triq il-Kbira San Guzepp, Ħamrun u/jew f'dawn il-Gżejjer:

1. issoġġetta lil OMISSIS OMISSIS OMISSIS (I.D. Nru. OMISSIS) għal xi att u/jew imġieba li jkollha konnotazzjonijiet sesswali,

[1] *A fol.* 25 *et seq.*

inklużi kliem bil-fomm, mossi u/jew għemil, bil-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi u/jew xi materjal ieħor, fejn dak l-att, kliem u/jew imġieba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistgħu raġonevolment jiġu kkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degradanti u/jew intimidatorji lejha, liema reat sar fuq persuna ta' sbatax-il sena u ċioè minuri;

2. issoġġetta lil OMISSIS OMISSIS OMISSIS (I.D. Nru. OMISSIS) għal xi att ta' intimita' fiżika, liema reat sar fuq persuna ta' sbatax-il sena u ċioè minuri;

3. waqt li kien f'lok pubbliku jew f'post miftuħ għal-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jieħu ħsieb tiegħu nnifsu;

4. ikkommetta att ta' natura sesswali mingħajr il-kunsens ta' OMISSIS OMISSIS (I.D. Nru. OMISSIS) u ċioè minuri.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta' tal-allegata vittma u l-familjari tagħha.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li toħroġ Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Mejju 2025, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17, 31, 207, 251A(1)(c) u 251A (1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li lliberat lill-imputat mit-tielet (3) imputazzjoni, sabitu ħati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni

dedotti kontra tiegħu u kkundannatu tliet (3) snin priġunerija. Il-Qorti poġġiet lill-imputat taħt Ordni ta' Trattament *ai termini* ta' Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien tliet (3) snin. A bażi ta' Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti mponiet fuq l-imputat Ordni ta' Trażżin a favur il-*parte civile* għal żmien tliet (3) snin. Il-Qorti ordnat li kemm l-Ordni ta' Trattament kif ukoll l-Ordni ta' Trażżin kellhom jifformaw part integrali mis-sentenza. Finalment, b'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-imputat iħallas l-ammont ta' mija u disgħa u għoxrin Euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€129.88) rappreżentanti spejjez peritali naxxenti mill-kawża.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fid-19 ta' Mejju 2025 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi:*

1. *TIKKONFERMAHA fil-parti tas-sentenza fejn ma sabitiex ħtija tat-tielet (3) akkuża fuq nuqqas ta' provi;*

2. *TĦASSARHA W TIRREVOKAHA f'dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-istess Esponenti Appellant ħati ta' l-ewwel (1) u t-tieni (2) akkużi kif dedotti kontrih u kkundannatu għal żmien tliet (3) snin priġunerija effettivi kif ukoll tpoġġih taħt Ordni ta' Trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal tliet (3) snin ukoll, u konsegwentement TIDDIKJARA lill-istess Esponenti Appellant mhux ħati tagħhom u b'hekk TILLIBERA lill-istess Esponenti Appellant minn kull imputazzjoni, ħtija w piena, inkluż anke l-istess Ordni ta' Trażżin a favur il-parte civile OMISSIS OMISSIS għal żmien tliet (3) snin u liema ordnijiet għandhom jifformaw part integrali minn din is-sentenza kif ukoll il-ħlas ta' l-ammont ta' mija w disgħa w għoxrin ewro w tmienja u tmenin ċenteżmi (€129.88) rappreżentanti spejjeż peritali naxxenti minn din l-istess kawża;*

3. *Alternattivament, u sussidjarjament TIRRIFORMA s-sentenza appellata fil-parti tal-piena nflitta w dan billi minflok timponi piena aktar ekwa w ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fis-6 ta' Ġunju 2025.

Semgħet, fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2025, lill-avukat mill-uffiċju tal-Avukat Ġenerali tinforma lil din il-Qorti li ma kellha xejn aktar x'iżżid mar-Risposta msemmija fil-paragrafu preċedenti.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-appellant ippreżentata fis-16 ta' Ġunju 2025.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-5 ta' Mejju 2025.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li qabel tipproċedi ulterjorment ikun opportun li tinnota li mill-atti proċesswali ta' dan il-każ jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- l-appellant allura imputat tressaq taħt arrest quddiem l-Ewwel Qorti fl-20 ta' Frar 2022 fejn huwa ġie akkużat bi tliet imputazzjonijiet (*a fol.* 1 *et seq.*);

- fis-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fit-3 ta' Marzu 2022, ossia dik ta' wara li hu kien tressaq taħt arrest fiha, il-Prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fl-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant tant li dakinhar tat-3 ta' Marzu 2022 ġiet ippreżentata ċitazzjoni ġdida (*a fol.* 25 *et seq.*), liema talba għal korrezzjoni ġiet milqugħa dakinhar stess mill-Ewwel Qorti, biex b'hekk l-appellant allura imputat ġie akkużat b'erba' imputazzjonijiet;

- l-erba' imputazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu preċedenti huma riflessi fl-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali li skont hu l-appellant allura imputat seta' jinstab ħati tagħhom mill-Ewwel Qorti (*a fol.* 150 *et seq.*);

- is-sentenza appellata ngħatat fil-5 ta' Mejju 2025, minn liema sentenza ġie ppreżentat ir-Rikors tal-appell tal-appellant u li dwaru qed tingħata din is-sentenza llum.

Illi minkejja dak imsemmi fir-Rikors tal-appell tal-appellant, din il-Qorti hija tal-fehma li f'dan l-istadju tagħmel riferenza għal Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."

Illi din il-Qorti tinnota li fid-*decide* tas-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti qalet, fost l-oħrajn, hekk (*a fol.* 251):

> "Għal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 207, 251A(1)(c) u 251A(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Najah Agheez ħati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkużi kif dedotti kontrih u tikkundannah għal żmien tliet (3) snin priġunerija effettivi kif ukoll tpoġġih taħt Ordni ta' Trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal tliet (3) snin ukoll filwaqt li qed tilliberah mit-tielet (3) akkuża fuq nuqqas ta' provi."

Illi imkien minn dak hawn fuq ċċitat m'hemm imniżżel jekk l-Ewwel Qorti kinitx qed issib ħtija jew le fl-appellant fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni, liema imputazzjoni ġiet imniżżla fil-parti tal-bidu tas-sentenza appellata.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Mejju 2012 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Brown** (Numru 307/2010) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Quddiem l-Ewwel Qorti l-appellat ġie mixli fi tlett akkużi. Ġie liberat mill-ewwel akkuża, instab ħati tat-tieni akkuża, weħel mitt Ewro ammenda iżda għar-rigward tat-tielet akkuża l-Qorti tal-Maġistrati ma ppronunċjatx ruħha għad li kkwotat l-Artikolu 4 tal-Avviż Legali 344/2005 fuq imsemmi.
>
> L-Avukat Ġenerali appella peress illi deherlu fost affarijiet oħra illi l-Ewwel Qorti naqset li tottempra ruħha mad-dettami tal-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali li jobbliga lill-Qorti li tgħid il-voti tas-sentenza, tgħid il-fatti li dan tagħhom ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra li jkun ikkontempla dan ir-reat.
>
> F'dan il-każ mhuwiex ċar għal x'hix l-ammenda ta' mitt lira qegħda tiġi addebitata, jekk huwiex għat-tieni akkuża li tellef il-ġieħ ta' Davinia Galea u weġġagħha bi kliem b'ġesti jew b'xi mod ieħor jew inkella għat-tielet akkuża li remgħa ż-żibel f'post pubbliku.
>
> L-Ewwel Qorti ma ppronunċjatx ruħha dwar din it-tielet akkuża, għad li rreferiet għall-Artikolu 4 tal-Avviż Legali 344/2005 meta ġiet biex erogat il-piena.
>
> Ma hemmx dubju illi dan l-iżball jwassal għan-nullita' tas-sentenza.
>
> Kif qalet il-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mario Agius** deċiża fit-3 ta' Frar 1995: *"in-nuqqas ta' osservanza ta' dak li hemm provdut fl-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jammonta għan-nuqqas ta' formalita' sostanzjali"*.

Dan iwassal għan-nullita' tas-sentenza u kwindi għandha terġa' tinstema mill-ġdid.

Għalhekk din il-Qorti mhijiex sejra tittratta t-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali u ċioè illi l-Ewwel Qorti erogat piena illi hija ferm anqas minn dik li stabbilit il-Liġi, sabiex dana jiġi kkunsidrat mill-Ewwel Qorti meta tkun qegħda tittratta l-kawża mill-ġdid.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi illi tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali, tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-15 ta' Ġunju, 2010 u tordna li l-atti jiġu rimessi lill-Ewwel Qorti sabiex il-kawża terġa' tinstema, trattata u deċiża mill-ġdid."

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fil-15 ta' Marzu 2012 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Agius** (Numru 171/2011) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"Minn eżami akkurat tal-parti konklussiva tas-sentenza l-Qorti ssib illi wara li l-Ewwel Qorti għaddiet biex issemmi l-artikoli għaddiet mill-ewwel biex tikkundanna lill-appellant, mingħajr ma ddikjaratu ħati tal-akkużi illi ġew dedotti kontra tiegħu.

L-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 jgħid testwalment illi meta l-Qorti tagħti sentenza kontra imputat għandha tgħid l-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi li tkun tikkontempla r-reat.

Ovvjament la l-Qorti hija marbuta illi tagħti l-fatti li tagħhom l-appellant ikun ġie misjub ħati, tfisser illi għandu jkun hemm id-dikjarazzjoni ta' ħtija għax altrimenti huwa inutili li ssemmi l-fatti. In-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' ħtija twassal għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali bħal ma wkoll hija suġġetta għall-istess

ċensura n-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' x'hix l-akkużat qed jinstab ħati."

Illi riferenza sejra ssir ukoll għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Ġunju 2020 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. George Gatt** (Numru 260/2017) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"4. [...] Dan iżda ma huwiex possibbli għaliex l-istess sentenza hija kolpita minn nuqqas ieħor li jikkonsisti fin-nuqqas tal-ewwel Qorti li effettivament tiddeċiedi fuq waħda mill-imputazzjonijiet b'mod, allura, illi li kieku kellha tiddeċiedi dwarha din il-Qorti tkun qed tippriva lill-parti mid-dritt tad-*doppio esame*. Dan jorbot mat-tieni parti tat-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali meta jillanja li s-sentenza mhix waħda *safe and satisfactory* fejn si tratta tat-tieni imputazzjoni. Għal dan il-għan qed tkun riprodotta il-parti konklussiva tas-sentenza appellata:

"Illi għal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli indikati; u ċioè l-Artikolu 128(b) tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta u Parti II Reg. 12 tal-Kapitolu 465 tal-Liġijiet ta' Malta, u stante li l-ewwel (1) akkuża hija assorbibbli fit-tieni (2) akkuża ma ssibx lill-imputat Geroge Gatt ħati tal-akkużi kif dedotti kontrih."

5. Din il-konklużjoni tipotizza diversi possibilitajiet ta' interpretazzjoni, ħaġa li qatt ma għandu jkun meta si tratta ta' sentenza tal-Qorti. L-ewwel ipoteżi hi dik l-aktar ovvja, iġifieri li għaliex l-ewwel imputazzjoni hi assorbibbli fit-tieni waħda allura mhix qed tinsab ħtija fiż-żewġ imputazzjonijiet. Fl-ewwel lok, l-hekk imsejjaħ assorbiment kif ravviżat fl-Artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali japplika biss meta tinstab ħtija f'wieħed mir-reati meta t-tieni wieħed jitqies bħala mezz għall-fini u mhux meta jkun hemm liberatorja f'wieħed mir-reati. Apparti dan, il-kwistjoni hawn skrutinata tassumi importanza aktar gravi meta t-tieni

ipoteżi tirraviża nuqqas ta' deċiżjoni fuq waħda mill-imputazzjonijiet.

6. Il-Qorti tosserva illi l-ewwel Qorti ma għamlet ebda konsiderazzjoni dwar l-ewwel imputazzjoni u eżaminat biss it-tieni waħda. Dan hu rifless ukoll fil-parti dispożittiva appena riprodotta. Din is-sentenza mhix konformi ma' dak li jitolbu l-Artikoli 377 u 382 tal-Kodiċi Kriminali, iġifieri li l-Qorti għandha tagħti sentenza fuq kull imputazzjoni miġjuba quddiemha. Qed issir riferenza għas-segwenti ġurisprudenza għall-aħjar intendiment: **Il-Pulizija vs. Carmel Mifsud** App. Krim. tas-6.7.2007, **Il-Pulizija vs. Joseph Brown** App. Krim. 31.5.12, **Il-Pulizija vs. Robert Farrugia** App. Krim. 19.11.2015 u **Il-Pulizija vs. Philip Zahra** 348/15 tat-28 ta' Settembru, 2017.

7. L-ewwel Qorti għalhekk naqset milli tosserva formalita' sostanzjali f'żewg istanzi billi indikat data ħażina fis-sentenza tagħha kif ukoll ma kkonsidratx waħda mill-imputazzjonjiet dedotti kontra l-appellat, konsegwenza ta' liema din il-Qorti qed tiddikjara s-sentenza nulla. Sabiex ma tipprivax lill-parti mid-dritt ta' *doppio esame*, qed tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex terġa' tiddeċiedi l-każ skont il-liġi u stante li issa dan il-każ twal ferm oltre żmien raġjonevoli tissolleċita eżitu aktar spedjenti."

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għal sentenza oħra u ċioè dik mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Gilmore Cachia** (Numru 70/2019), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"Għalkemm l-appellant ma ressaq ebda aggravju dwar in-nullita' tas-sentenza appellata, il-Qorti osservat illi l-Ewwel Qorti għalkemm matul is-sentenza għamlet konsiderazzjonijiet dwar l-imputazzjonijiet miġjuba fil-

konfront tal-appellant u indikat ċerti akkużi ma semmietx l-akkużi kollha ta' xiex kienet qiegħda ssibu ħati, fil-parti disposittiva naqset milli tiddikjara ta' liema imputazzjonijiet kienet qiegħda ssib ħtija, iżda minflok semmiet l-artikoli kollha ċitati mill-Uffiċjal Prosekutur u miktuba fiċ-*charge sheet* u nfliġġiet il-piena. Dikjarazzjoni ta' ħtija fil-parti disposittiva ma hemmx fis-sentenza għalkemm tgħid li ċertu akkuża tirriżulta għas-sodisfazzjon tagħha pruvata.

[...]

Illi nonostante l-fatt li l-Ewwel Qorti fil-kunsiderazzjonjiet tagħha tagħmel riassunt ta' dak li ntqal mix-xhieda b'mod xejn dettaljat u għamlet ukoll analiżi tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat u anke indikat taħt liema artikoli l-akkużat kien qiegħed jitressaq u dan qed jingħad għaliex semmiet l-artikoli kollha nkluż dawk tar-reċidiva pero' dwar l-akkuża tar-reċidiva *per se* ma tgħid xejn minkejja li hu reat distint u separat minn kull akkuża ohra. Il-Qorti fil-kunsiderazzjonijiet tagħha ma jirriżultax ta' xhiex instab ħati u dan għaliex iċċitat l-artikoli kollha anke dawk fejn ma sabitx ħtija.

Din il-Qorti ma għandhiex triq oħra għajr li tiddikjara s-sentenza appellata bħala nulla."

Illi din il-Qorti tabbraċċja l-insenjament tas-sentenzi hawn fuq ikkwotati. Meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad aktar 'il fuq fir-rigward tad-*decide* tas-sentenza appellata u meħud in konsiderazzjoni wkoll ta' dak li jirrikjedi Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll dak li ngħad fis-sentenzi hawn fuq ċċitati, din il-Qorti ser tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjaraha nulla. Bħal ma ġara fis-sentenzi ħawn fuq ikkwotati, din il-Qorti ser tibgħat l-atti proċesswali lill-Ewwel Qorti sabiex terġa' tingħata sentenza mill-ġdid skont il-liġi b'dan illi jiġi speċifikat li l-appellant għandu jerġa' jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien

immedjatament fiha qabel ma ġiet pronunzjata s-sentenza appellata.

**Ikkunsidrat**

Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu msemmi hawn fuq, din il-Qorti ma għandhiex għalfejn tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dak imsemmi fir-Rikors tal-appell tal-appellant.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda *ex officio* tirrevoka s-sentenza appellata u, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex l-appellant jerġa' jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet pronunzjata s-sentenza appellata u biex terġa' tingħata sentenza mill-ġdid skont il-liġi.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**